



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Marzu 2021
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0031(COD)**

**6161/1/21
REV 1**

**AGRI 64
AGRIFIN 19
AGRIORG 19
AGRISTR 10
STATIS 4
CODEC 201**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

Nru dok. Cion: COM(2021) 54 final/2

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 54 final/2. Id-delegazzjonijiet huma infurmati li l-unika differenza mid-dokument 6161/21 INIT hija ż-żieda tar-referenza interistituzzjonali, "2021/0031 (COD)" fuq il-paġna ta' quddiem tal-Proposta tal-Kummissjoni li ma kinitx inkluża fid-dokument oriġinali li ntbagħat mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill.

Mehmuż: COM(2021) 54 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2021
COM(2021) 54 final/2

2021/0031 (COD)

This document corrects document COM(2021) 54 final of 12.02.2021

Concerns all language versions.

Addition of the interinstitutional reference.

The text shall read as follows:

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
il-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-oġġettivi tagħha

Il-Eurostat ilu jikkompila l-istatistika agrikola Ewropea dwar l-agrikoltura tal-UE għal deċennji. Illum din tkopri l-aspetti li ġejjin: l-istruttura tal-azjendi agrikoli, il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura, il-produzzjoni tal-annimali u tal-pjanti, il-biedja organika, il-prezzijiet tal-azjendi agrikoli, il-pestiċidi, in-nutrijenti, u aspetti agroambjentali oħra. L-għan ewlieni huwa li jiġu mmonitorjati u evalwati l-Politika Agrikola Komuni (PAK) u politiki importanti oħrajn tal-UE, u li jiġi appoġġat it-tfassil tal-politika.

Dan il-ġbir ta' *data* ġie evalwat fl-2016¹ u nstab li kien jeħtieġ aġġornament biex jitqiesu l-bidliet fl-agrikoltura, fil-PAK u f'politiki oħrajn relatati tal-UE. L-“Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn”² hija programm ewlieni għall-immodernizzar tal-istatistika agrikola tal-Unjoni Ewropea mmexxi mill-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. L-istrateġija hija appoġġata mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u hija parti mill-programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), li l-għan tagħha huwa li tissimplifika u li ttejjeb is-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola (EASS). L-istrateġija ssegwi wkoll rakkomandazzjonijiet internazzjonali bħal-linji gwida tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima dwar ir-rapportar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u l-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU, u l-istrateġija timplimenta wkoll l-Istrateġija Globali tan-NU għat-titjib tal-istatistika agrikola u rurali.

Mil-lat ekonomiku, l-agrikoltura hija settur relattivament żgħir, iżda tkopri kważi nofs l-erja tal-art tal-UE u tipprovdi l-bieċa l-kbira tal-ikel tagħha, u tiżgura kemm is-sikurezza alimentari kif ukoll is-sigurtà alimentari. Din għandha impatt kbir fuq it-tibdil fil-klima u l-ambjent, u ħafna komunitajiet rurali jiddependu fuq l-agrikoltura. L-UE teħtieġ l-aktar informazzjoni preċiża f'dan il-qasam biex tfassal politiki li jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha tal-Ewropea u talloka l-baġit sostanzjali tal-PAK u l-miżuri relatati bl-aktar mod effiċjenti u effettiv f'diversi dimensjonijiet. Barra minn hekk, l-agrikoltura hija fil-qalba tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew³, b'mod partikolari l-“Istrateġija mill-għalqa sal-platt” tiegħu.

Il-prestazzjoni tas-settur agrikolu kollu kemm hu tista' tiġi vvalutata billi l-informazzjoni dwar il-volum u l-bidliet fil-prezzijiet għall-prodotti u s-servizzi agrikoli tinġieb taħt l-umbrella ta' struttura ta' kontabbiltà. Għal dan il-għan, il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura (EEA) jipprovdu sett ta' *data* komparabbli li toffri informazzjoni importanti fil-livell makroekonomiku lill-utenti ewlenin, b'mod partikolari lid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DG AGRI).

¹ SWD(2017)96 - Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument “Strateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn” u xenarji leġislattivi potenzjali sussegwenti (Disponibbli bl-Ingliż biss).

²

<https://ec.europa.eu/eurostat/documents/749240/749310/Strategy+on+agricultural+statistics+Final+version+for+publication.pdf> (Disponibbli biss bl-Ingliż).

³

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final tal-11.12.2019.

Bħala kont satellita tas-sistema Ewropea tal-kontijiet (ESA 2010), il-EEA isegwu mill-qrib ħafna l-metodoloġija għall-kontijiet nazzjonali. Madankollu, il-kompilazzjoni tagħhom teħtieġ il-formulazzjoni ta' regoli u metodi xierqa. Skont il-metodoloġija attwali, l-Istati Membri ilhom jipprovdu lill-Eurostat b'kontijiet ekonomiċi nazzjonali u reġjonali għall-agrikoltura sa mis-sena 2000. Fl-2004, ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità⁴ daħal fis-seħħ u fformalizza l-parti tal-kontijiet ekonomiċi fil-livell nazzjonali; minn dak iż-żmien 'l hawn ġie emendat sitt darbiet. Madankollu, il-kontijiet fil-livell reġjonali ma ġewx inklużi fir-Regolament iżda komplew jiġu trażmessi b'mod regolari minn kważi l-Istati Membri kollha bi ftehim bejn ġentlomi. Dan huwa subottimali, peress li l-istatistika koperta mill-ftehim bejn ġentlomi mhijiex formalment parti mill-EEA, u ma hemm l-ebda obbligu vinkolanti jew garanzija ta' konsenja. Għalhekk, peress li l-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura huma statistika matura li hija importanti, dawn jenħtieġ li jiġu formalizzati billi jiġu inklużi fir-Regolament dwar il-EEA. Dan huwa l-uniku mod kif tiġi żgurata l-kwalità tagħhom. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri identifikat din il-kwistjoni fir-Rapport Speċjali tagħha SR 01/2016⁵, li jirrakkomanda l-formalizzazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura. Il-Kummissjoni aċċettat din is-sejba.

Fl-istess Rapport Speċjali SR 01/2016, ġie identifikat ukoll nuqqas ta' rapportar dwar il-kwalità tal-EEA. Il-Eurostat ilu jimplimenta din ir-rakkomandazzjoni sa mill-2016, u r-rapporti dwar il-kwalità tal-EEA ilhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri tal-UE (bi ftehim eċċezzjonijiet) sa mill-2019 b'referenza għar-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009⁶. Madankollu, l-Artikolu 12 jipprevedi l-inklużjoni speċifika tar-rekwiżiti ta' rapportar tal-kwalità fil-leġiżlazzjoni settorjali, li tippermetti li l-modalitajiet, l-istruttura, il-perjodiċità u l-indikaturi tal-valutazzjoni tar-rapporti dwar il-kwalità jiġu definiti, flimkien mal-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data*. Fil-preżent, l-arranġamenti preċiżi tar-rapportar dwar il-kwalità huma biss informali u għalhekk jenħtieġ li jiġu formalizzati b'mod konformi ma' dawn ir-rekwiżiti eżistenti tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Fl-aħħar nett, għall-EEA, l-Istati Membri jittirażmettu, għal *data* fil-livell nazzjonali, l-ewwel *data* stmata (skadenza ta' Novembru tas-sena ta' referenza n), it-tieni *data* stmata (skadenza ta' Jannar tas-sena n+1) u *data* finali (skadenza ta' Settembru tas-sena n+1). It-tieni *data* tiġi ftehim wisq wara l-ewwel waħda biex il-kwalità titjieb bl-aħjar mod, u għalhekk l-iskadenzi tat-trażmissjoni tad-*data* għat-tieni stima jenħtieġ li jitwalu b'xahrejn mill-aħħar ta' Jannar sal-aħħar ta' Marzu tas-sena ta' wara s-sena ta' referenza.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Sabiex dawki li jfasslu l-politika, in-negozji u l-pubbliku ġenerali jkun jistgħu jieħdu deċiżjonijiet xierqa bbażati fuq l-evidenza, l-istatistika għandha tkun affidabbli u ta' kwalità għolja.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1).

⁵ Ir-rapport speċjali Nru 1/2016: Is-sistema tal-Kummissjoni għall-kejl tal-prestazzjoni fir-rigward tal-introjt tal-bdiewa hija mfassla tajjeb u hija bbażata fuq *data* soda?

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

L-istrategġija għall-istatistika agrikola għall-2020 imsemmija hawn fuq tinkludi l-oġġettivi ewlenin li ġejjin:

- il-produzzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti b'mod effiċjenti u effettiv;
- it-titjib tal-armonizzazzjoni u l-koerenza tal-istatistika agrikola Ewropea.

It-tliet oqsma inklużi f'din il-proposta jindirizzaw direttament dawn l-oġġettivi.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-provvediment ta' statistika ta' kwalità bħala appoġġ għall-politiki Ewropej huwa l-ixprunatur ewleni tal-Programm Ewropew tal-Istatistika 2013-2017⁷ (estiż sal-2020⁸). L-istatistika ambjentali u dik agrikola huma wieħed mit-tliet pilastri tal-produzzjoni tal-istatistika taħt dak il-programm. Fost l-oġġettivi rilevanti tal-programm hemm "l-analiżi u s-simplifikazzjoni tal-ġbir ta' *data* dwar l-agrikoltura b'konformità mal-analiżi tal-PAK ta' wara l-2013 u "t-tfassil mill-ġdid ta' proċessi tal-ġbir ta' *data* dwar l-agrikoltura, b'mod partikolari bl-oġġettiv li jittejjbu l-kwalità u l-puntwalità tad-*data* mogħtija". Din l-inizjattiva timplimenta dak l-oġġettiv.

Billi tipprovdi *data* aħjar għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tas-settur agrikolu għall-ambjent, in-nies, ir-reġjuni u l-ekonomija, is-Sistema Ewropea tal-Istatistika Agrikola se tikkontribwixxi wkoll għal mill-anqas tnejn mis-sitt prijoritajiet tal-Kummissjoni von der Leyen⁹, jiġifieri:

- Patt Ekoloġiku Ewropew bl-istrategġija sottostanti Mill-Għalqa sal-Platt u għall-Bijodiversità; u
- ekonomija li taħdem għan-nies.

Madankollu, l-istatistika agrikola hija utli wkoll għal prijoritajiet oħrajn tal-Unjoni jew tal-Istati Membri li jaffettwaw jew li huma affettwati mill-agrikoltura u mill-iżvilupp rurali.

Lil hinn minn dan, il-proposta għal programm tas-suq uniku¹⁰ li qed tiġi diskussa bħalissa interistituzzjonalment tipprovdi qafas għall-finanzjament tal-iżvilupp, tal-produzzjoni u tat-tixrid tal-istatistika Ewropea. L-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni tirrikjedi informazzjoni statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali, territorjali u ambjentali fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-istatistika Ewropea tippermetti liċ-ċittadini Ewropej jifhem u jipparteċipaw fil-proċess demokratiku u fid-dibattitu dwar l-istat preżenti u futur tal-Unjoni. Fir-rigward tal-istatistika agrikola, l-enfasi hija fuq il-forniment ta' *data* f'waqtha u rilevanti għall-ħtiġijiet tal-politika agrikola komuni, il-politika komuni tas-sajd, u l-politiki relatati mal-ambjent, mas-sigurtà alimentari u mat-trattament xieraq tal-annimali.

⁷ Il-programm attwali ġie stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew għall-perjodu tal-2013-2017. Huwa ġie estiż sal-2020 skont ir-Regolament (UE) 2017/1951 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/1951 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 99/2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-17, billi jestendih sal-2020 (ĠU L 284, 31.10.2017, p. 1).

⁹ https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024_mt.

¹⁰ COM (2018) 441.

L-istatistika agrikola tipprovdi evidenza statistika ta' kwalità għolja għall-implimentazzjoni u għall-monitoraġġ tal-PAK. Il-PAK hija xprunatur importanti għall-impjiegi u t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni. Minbarra l-oġettivi soċjali tagħha, il-politika tal-iżvilupp rurali, li hija parti integrali mill-PAK, għandha l-għan li ttejjeb il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola. Il-PAK tirrappreżenta aktar minn 37 % tal-baġit totali tal-Unjoni fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 (QFP).

L-istatistika agrikola hija wkoll dejjem aktar meħtieġa għal politiki ewlenin oħra tal-Unjoni bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-politiki ambjentali u dwar it-tibdil fil-klima, il-politika kummerċjali, il-politika soċjali, il-politika reġjonali, eċċ.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi l-bażi ġuridika għall-istatistika Ewropea. Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika fejn dan huwa neċessarju biex l-Unjoni twettaq ir-rwol tagħha. L-Artikolu 338 jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, filwaqt li jiddikjara li din trid tkun konformi mal-istandards ta' imparzjalità, affidabbiltà, oġġettività, indipendenza xjentifika, kosteffettività u kunfidenzjalità statistika.

Il-bażi ġuridika għar-rapporti dwar il-kwalità hija l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi)

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma tkunx fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. L-ESS tipprovdi infrastruttura għall-informazzjoni statistika. Is-sistema hija mfassla biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' utenti multipli, għall-fini tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'soċjetajiet demokratiċi. Il-proposta għal dan ir-Regolament ġiet abbozzata biex tipproteġi l-attivitajiet ewlenin tas-sħab tal-ESS filwaqt li tiżgura b'mod aħjar il-kwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika tal-EEA.

Wieħed mill-kriterji ewlenin li d-*data* statistika trid tissodisfa huwa li tkun konsistenti u komparabbli. L-Istati Membri ma jistgħux jiksibu l-konsistenza u l-komparabbiltà meħtieġa mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri, mingħajr leġislazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi l-kunċetti statistiċi komuni, il-formati tar-rapportar u r-rekwiżiti tal-kwalità.

Ir-rekwiżit tal-komparabbiltà huwa importanti ħafna għall-istatistika agrikola minħabba l-PAK.

L-oġettiv tal-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti jekk l-Istati Membri jaġixxu b'mod indipendenti. Tista' tittejjed azzjoni b'mod aktar effettiv fil-livell tal-Unjoni, abbażi ta' att legali tal-Unjoni li jiżgura l-komparabbiltà tal-informazzjoni statistika fl-oqsma tal-istatistika koperti mill-att propost. Sadanittant, il-ġbir tad-*data* nnifsu jista' jsir mill-Istati Membri.

• Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, fid-dawl ta' dan li ġej:

Bl-applikazzjoni tal-istess prinċipji madwar l-Istati Membri, il-proposta se tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tal-istatistika agrikola Ewropea li tkun inġabret u tkun ġiet ikkumpilata. Bl-istess mod, se tiżgura li l-istatistika agrikola Ewropea tibqa' rilevanti u tkun adatta biex tirispondi għall-ħtiġijiet tal-utenti. Ir-Regolament se jagħmel il-produzzjoni tal-istatistika aktar kosteffettiva filwaqt li jirrispetta l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi tal-Istati Membri.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-Regolament propost jillimita ruħu għall-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għal dak il-għan.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost: regolament.

Minħabba l-oġettivi u l-kontenut tal-proposta, regolament huwa l-aktar strument xieraq. Politiki komuni tal-UE importanti bħall-PAK minnhom infushom jiddependu fuq statistika agrikola komparabbli, armonizzata u ta' kwalità għolja fil-livell Ewropew. Dawn jistgħu jiġu żgurati bl-aħjar mod permezz ta' regolamenti li jkunu applikabbli direttament fl-Istati Membri u ma hemmx bżonn li l-ewwel jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet/kontrolli tal-idoneità *ex post* tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tal-“Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn” għamlet referenza għall-verifika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li kienet għadha għaddejja (li rriżultat fir-Rapport Speċjali SR 01/2016) bħala li ttipprovi indikazzjonijiet dwar sa fejn il-EEA jaqdu l-ħtiġijiet tad-*data* tal-utenti. Kif indikat qabel, dawn is-sejbiet huma xprunatur importanti tal-proposta.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika agrikola Ewropea jinkisbu mill-Eurostat permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib, ikkoordinata u regolari fl-ESS, li tibni fuq sħubija twila bejn il-Eurostat u l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs) kif ukoll l-awtoritajiet rilevanti l-oħrajn kollha.

F'livell ġenerali u b'referenza għall-“Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn”, il-kategoriji ewlenin tal-partijiet ikkonċernati tal-istatistika agrikola Ewropea huma l-produtturi tad-*data* (l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra kif ukoll il-Eurostat), ir-rispondenti (il-bdiewa, l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa u n-negozji) u l-utenti (dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet pubbliċi u privati - b'mod partikolari dipartimenti oħrajn tal-Kummissjoni - riċerkaturi u ġurnalisti). Dawn ġew ikkonsultati b'mod estensiv dwar il-problemi u l-bidliet mixtieqa fl-istatus quo, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tad-*data* tagħhom, l-għażliet ta' politika possibbli biex jissolvew il-problemi, l-impatti tal-azzjonijiet issuġġeriti u l-formulazzjoni tal-istrateġija b'mod speċifiku. Il-fora ewlenin għal dawn il-konsultazzjonijiet kienu: (i) il-laqgħat u s-seminars tal-Kumitat Permanenti dwar Statistika Agrikola (KPSA) u s-suċċessur tiegħu, il-Grupp tad-Diretturi tal-Istatistika Agrikola (DGAS) (magħmul minn diretturi tal-istatistika agrikola tal-NSIs) fejn ta' spiss jinstemgħu d-dipartimenti tal-Kummissjoni, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa; (ii) il-laqgħat tal-Kumitat

tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (magħmul mid-diretturi ġenerali tal-NSI); u (iii) konsultazzjonijiet u seduti regolari skedati fi ħdan id-dipartimenti tal-Kummissjoni.

Saret konsultazzjoni pubblika għall-evalwazzjoni, u r-risultati huma ddettaljati f'rapport speċifiku¹¹.

Is-sejbiet ewlenin ta' din il-konsultazzjoni pubblika, li jiffurmaw il-qalba tal-istrateġija tal-istatistika agrikola tal-2020 u sussegwentement ta' dan ir-Regolament, huma tlieta:

Il-leġislazzjoni attwali tal-Unjoni dwar l-istatistika agrikola ma sservix b'mod adegwat ħtiġijiet ġodda u emerġenti ta' *data* minħabba li l-forniment ta' din id-*data* mhuwiex inkluż fl-atti leġislattivi, u l-atti mhuwiex flessibbli u integrati biżżejjed biex jirrispondu għall-ħtiġijiet ġodda fil-ħin.

Dawn il-ħtiġijiet ġodda tad-*data* ġejjin prinċipalment minn żviluppi ġodda fl-agrikoltura, leġislazzjoni riveduta u prijoritajiet politiċi li qed jinbidlu, b'mod partikolari l-PAK riformata reċentement.

Il-ġbir tad-*data* mhuwiex armonizzat u koerenti minħabba li qed jitfaċċaw ħtiġijiet ta' *data* ġodda, il-leġislazzjoni ġiet żviluppata separatament għal ħafna snin, u qed jintużaw definizzjonijiet u kunċetti parzjalment differenti f'oqsma agrikoli differenti.

Il-piż tal-forniment tad-*data* huwa meqjus bħala għoli wisq minħabba li l-ħtiġijiet tad-*data* qed jiżdiedu, il-ġbir tad-*data* mhuwiex armonizzat, u r-risorsi qed ikomplju jonqsu fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali. Dak il-piż ġie kkonfermat li jipperikola l-ġbir tad-*data* u l-kwalità tad-*data*.

Bħala parti mill-modernizzazzjoni tal-istatistika agrikola tal-Unjoni Ewropea, il-EEA ilhom għaddejjin bil-modernizzazzjoni tagħhom stess sa mill-2016. Kontribut għal dan kien is-sejbiet tal-verifika mwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (Rapport Speċjali SR 01/2016) dwar l-introjt tal-bdiewa. Ir-rakkomandazzjonijiet minn dan ir-rapport tressqu taħt l-eżerċizzju usa' ta' modernizzazzjoni, li fih diversi titjibiet għall-EEA.

Tnejn minn dawn it-titjibiet ġew identifikati mill-Kummissjoni bħala li jeħtieġu bidla fir-Regolament eżistenti, jiġifieri l-integrazzjoni ta' kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura (REAA) u l-illaxkar tat-tieni skadenzi tal-estimi għall-EEA.

Dawn ġew diskussi b'mod estensiv kemm mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kontijiet Agrikoli u l-Prezzijiet kif ukoll mal-Grupp ta' Diretturi ta' livell ogħla dwar l-Istatistika Agrikola, li t-tnejn huma gruppi li jinkludu esperti mill-Istati Membri.

Peress li r-REAA hija statistika li ilha stabbilita u li ġiet trazzmessa lill-Eurostat għal ħafna snin, l-inkorporazzjoni tar-REAA fir-Regolament (KE) Nru 138/2004 hija prinċipalment każ ta' integrazzjoni tal-metodoloġija eżistenti, kif użata taħt il-ftehim bejn ġentlomi li ilu għaddej. Minħabba li kif inhi, il-metodoloġija hija fil-biċċa l-kbira sodisfaċenti (il-Manwal

¹¹ Is-sit web tal-konsultazzjoni pubblika tal-Eurostat:
<http://ec.europa.eu/eurostat/about/opportunities/consultations/eass> (Disponibbli bl-Ingliż biss).
Rapport dwar il-konsultazzjoni pubblika miftuħa:
<http://ec.europa.eu/eurostat/documents/10186/6937766/Agricultural-Statistics-Strategy-2020-Report.docx> (Disponibbli bl-Ingliż biss).

EEA/EAF Parti VII¹²), ma hemmx bżonn li din terġa' tinkiteb. Il-metodoloġija u l-kapitolu dwar il-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura, li għandu jġi inkluż fir-Regolament, jistgħu jirriflettu dak li attwalment jinsab fil-manwal eżistenti. Madankollu, hemm bżonn ta' xi bidliet iżgħar biex jitqiesu l-ESA 2010 u l-konsultazzjonijiet tekniċi mal-Istati Membri.

Din il-proposta ġiet diskussa bis-sħiħ mal-Grupp ta' Esperti dwar il-Kontijiet u l-Prezzijiet Agrikoli u mal-Grupp ta' Diretturi dwar l-Istatistika Agrikola, li rrikonoxxew li l-Kummissjoni (Eurostat) se tipproċedi bil-proposta bbażata fuq id-dritt ta' inizzjattiva tagħha. Il-proposta ġiet ippreżentata wkoll lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Eurostat kellu diskussjonijiet estensivi dwar il-kontenut tal-proposta mal-NSIs permezz ta' task forces speċifiċi kif ukoll permezz ta' gruppi ta' esperti eżistenti inkluż fil-livell tad-diretturi.

Il-proposta ġiet ippreżentata wkoll lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika f'Ottubru 2020.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ opinjoni pożittiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-“Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn”¹³ li l-EEA jiffurmaw parti minnha¹⁴.

Din il-valutazzjoni tal-impatt twettqet fil-livell tal-istrateġija minħabba l-approċċ sistematiku fis-sistema kollha tal-istatistika agrikola biex jġi żgurat li l-partijiet kollha jaqblu flimkien.

Il-valutazzjoni tal-impatt sabet li l-EASS, bħala għażla preferuta, tenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar tkun koperta minn tliet regolamenti. Tnejn minn dawn ir-regolamenti jkunu ġodda u jissostitwixxu diversi regolamenti eqdem tal-UE dwar l-istatistika agrikola. L-ewwel wieħed minn dawn, l-Istatistika Integrata tal-Azjendi Agrikoli (IFS), li tkopri d-data dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli, il-ġonna b'siġar tal-frott u l-vinji, ġie adottat bħala r-Regolament (UE) 2018/1091¹⁵. It-tieni wieħed minn dawn huwa proposta leġiżlattiva parallela dwar regolament dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikolu (SAIO) li jkopri l-inputs u l-outputs tas-settur agrikolu: il-produzzjoni agrikola (għelejjel u annimali) inkluż il-biedja organika, il-prezzijiet tal-azjendi agrikoli, in-nutrijenti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. It-tielet regolament, kif imsemmi fil-valutazzjoni tal-impatt, huwa r-Regolament (KE) Nru 138/2004 dwar il-Kontijiet Ekonomiċi għall-Agrikoltura (EEA), li huwa soġġett għal din il-proposta għal Regolament emendatorju. Minħabba li l-EEA huma kont satellita tal-kontijiet nazzjonali u min-natura tagħhom huma makroekonomiċi, l-integrazzjoni tagħhom fir-regolamenti qafas il-ġodda ma kinitx proposta. Minflok, ġie propost li dawn jibqgħu taħt leġiżlazzjoni separata,

¹² EAA Manual on the Economic Accounts for Agriculture and Forestry EAA/EAF 97 (Rev. 1.1), 2000 <https://ec.europa.eu/eurostat/fr/web/products-manuals-and-guidelines/-/KS-27-00-782> (Disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż).

¹³ SWD(2016)430 (Disponibbli bl-Ingliż biss).

¹⁴ https://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/docs/ia_2016/sec_2016_0519_en.pdf (Disponibbli bl-Ingliż biss).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

kif kien il-każ minn meta r-Regolament dwar il-EEA daħal fis-seħħ għall-ewwel darba fl-2004.

- **L-idoneità u s-simplifikazzjoni regolatorja**

Il-proposta hija parti mill-“Istrateġija għall-Istatistika Agrikola għall-2020 u lil hinn”, programm ewlieni għall-immodernizzar tal-istatistika agrikola tal-UE mwettaq mill-Kummissjoni Ewropea f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE. L-istrateġija hija appoġġata mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u hija parti mill-programm REFIT li l-għan tiegħu hu li jissimplifika u li jtejjeb l-EASS.

Il-EEA huma statistika matura koperta mir-Regolament (UE) Nru 138/2004. Ir-regolament il-ġdid li qed jiġi propost jenħtieġ li jkopri l-komponenti kollha tal-EEA sabiex tiġi żgurata l-kwalità ta’ din l-istatistika. L-użu tal-ftehimiet bejn ġentlomi jenħtieġ li jiġi abolit. Dan jgħin biex jiġu ssimplifikati l-kwistjonijiet, peress li l-punt ta’ referenza se jkun ir-regolament il-ġdid, li jissodisfa l-ħtiġijiet kollha tad-*data* u r-rekwiżiti kollha tar-rapportar dwar il-kwalità.

Il-proposta dwar x’għandu jiġi inkluż taħt l-emenda tar-regolament propost tirriżulta mill-azzjonijiet li għaddejjin biex jiġu mmodernizzati l-EEA. L-REAA mhijiex l-unika *data* li ġiet koperta minn ftehim bejn ġentlomi. Fil-każ ta’ “valuri ta’ unità” tal-EEA, li huma *data* li ġiet ipprovduta għal ħafna snin taħt l-istess tip ta’ ftehim, l-eżerċizzju ta’ modernizzazzjoni ddetermina li l-ġbir ta’ valuri ta’ unità fil-livell tal-UE jeħtieġ li jitwaqqaf. B’riżultat ta’ dan, il-valuri tal-unità ma kinux proposti għall-inklużjoni fl-emenda tar-regolament tal-EEA u se jitneħħew. Dan jirrappreżenta tnaqqis żgħir iżda distint fil-piż għall-partijiet ikkonċernati.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Xejn

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti ta’ monitoraġġ, ta’ evalwazzjoni u ta’ rapportar**

Ir-regolament propost huwa mistenni li jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2021, bl-adozzjoni tal-miżura ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rapportar relatat mal-kwalità tiġi f’it wara dan. Ir-Regolament se jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha tal-UE mingħajr ebda ħtieġa għal pjan ta’ implimentazzjoni.

L-Istati Membri huma mistennija li jibdwew jipprovdut d-*data* lill-Kummissjoni skont ir-regolament il-ġdid fl-2022.

L-istrument leġislativ propost huwa parti mill-EASS, li se jkun soġġett għal evalwazzjonijiet regolari sabiex jiġi vvalutat, fost l-oħrajn, kemm kienet effettiva u effiċjenti fl-ilħuq tal-oġettivi tagħha u biex jiġi deċiż jekk humiex meħtieġa miżuri jew emendi ġodda.

- **Monitoraġġ tal-konformità tal-istatistika prodotta**

Il-Eurostat iwettaq valutazzjonijiet tal-konformità b'mod regolari. Dawk il-valutazzjonijiet jinkludu reviżjoni tad-disponibbiltà, tal-kwalità u tal-puntwalità tad-*data* u azzjonijiet ta' segwitu f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

Skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri huma mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni b'ċifri rilevanti dwar l-istatistika agrikola. Dawk iċ-ċifri huma soġġetti għal skadenzi stretti għat-trażmissjoni, li jridu jiġu rispettati għall-ġestjoni tajba, it-tixrid u l-utilità tal-istatistika Ewropea, peress li *data* nieqsa jew mhux kompluta twassal għal nuqqasijiet fid-disponibbiltà tal-informazzjoni (jiġifieri, mhuwiex possibbli li jiġu kkalkulati l-aggregati tal-Unjoni u li tiġi ppubblikata d-*data* skont l-iskedi ta' żmien ipplanati).

Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jikkostitwixxi l-qafas ġuridiku bażiku għall-funzjonament tas-sistema Ewropea tal-istatistika u għal-leġislazzjoni settorjali kollha dwar il-produzzjoni tal-istatistika Ewropea.

Filwaqt li l-valutazzjonijiet ta' konformità diġà qiesu t-tempestività, il-puntwalità u l-kompletezza bħala fatturi importanti biex jiġi żgurat tixrid f'waqtu tal-istatistika agrikola, se tingħata aktar attenzjoni lil dawn il-fatturi u lil dimensjonijiet oħrajn tal-kwalità sabiex tiġi żgurata l-fiduċja fl-istatistika prodotta mill-Eurostat u l-ESS.

- **Titjib kontinwu tal-EASS: l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ġodda ta' *data* u sorsi ġodda ta' *data*, it-titjib tal-koerenza, it-tnaqqis tal-piż**

Bħalissa, il-Eurostat imexxi seduti annwali ma' dipartimenti oħrajn tal-Kummissjoni. Aspett importanti ta' dawn is-seduti huwa l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-programmi ta' ħidma rispettivi. Dawn jipprovdu pjattaforma formali biex jiġu diskussi l-ħtiġijiet li ġejjin għal statistika ġdida u biex tiġi riveduta l-utilità tal-istatistika disponibbli.

Aktar kollaborazzjoni ma' dipartimenti oħrajn tal-Kummissjoni, NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra sseħħ f'livelli ġerarkiċi differenti f'laqgħat u f'seminars regolari ta' Gruppi ta' Esperti, f'laqgħat tal-Grupp tad-Diretturi, f'laqgħat tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, u permezz ta' skambji bilaterali frekwenti. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-identifikazzjoni ta' *data* amministrattiva u lil sorsi oħra ta' informazzjoni miżmuma skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni u l-valutazzjoni tal-adegwatezza tagħhom għall-produzzjoni tal-istatistika sabiex jiġu stabbiliti ftehimiet għall-istabbiltà, l-aċċessibbiltà u l-adattament eventwali tagħhom biex jissodisfaw b'mod aħjar ir-rekwiżiti tal-istatistika. Barra minn hekk, se jsiru sħarriġ u analiżijiet minn żmien għal żmien biex jiġi identifikat kwalunkwe potenzjal għat-titjib tal-istatistika agrikola Ewropea u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

Dawk l-aġġustamenti u l-funzjonament ġenerali tal-qafas legali se jiġu mmonitorjati u evalwati b'mod partikolari skont l-oġġettivi tal-istrateġija elenkati hawn fuq.

- **Rapporti ta' monitoraġġ triennali**

Sabiex jiġi mmonitorjat il-funzjonament tal-EASS imġedda u sabiex jiġi żgurat li din tilħaq l-għanijiet tar-REFIT ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż, kull 3 snin se jiġi ppubblikat rapport dwar il-funzjonament tas-sistema kumplessiva.

- **Evalwazzjoni**

It-tieni rapport ta' monitoraġġ triennali se jiġi sostitwit b'evalwazzjoni retrospettiva tal-EASS imġedda, imwettqa skont il-linji gwida ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Din l-evalwazzjoni

retrospettiva tista' tikkostitwixxi wkoll bażi għal reviżjonijiet ulterjuri tal-leġiżlazzjoni, jekk jitqiesu meħtieġa.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-regolament propost jikkonsisti f'żewġ Artikoli ġodda u fl-emenda kemm tal-Anness I (il-metodoloġija tal-EEA) kif ukoll tal-Anness II (Il-programm ta' trażmissjoni tad-*data*).

Il-bidliet ewlenin jirrigwardaw l-Anness I u l-Anness II.

L-ewwel bidla ewlenija hija relatata mal-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura (REAA). L-Istati Membri ilhom jipprovdu lill-Eurostat bl-REAA sa mill-2000 taħt ftehim bejn ġentlomi u f'konformità mal-prattiki metodoloġiċi li ilhom fis-seħħ minn dak iż-żmien. Sabiex l-REAA jiġu integrati fir-Regolament (KE) Nru 138/2004, ġie miżjud kapitolu fl-Anness I. Dan iqis il-konsultazzjonijiet mal-gruppi ta' esperti tad-delegati tal-Istati Membri (il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kontijiet Agrikoli u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Prezzijiet u l-Grupp ta' Diretturi dwar l-Istatistika Agrikola) dwar l-inklużjoni ta' xi aġġornamenti żgħar fil-metodoloġija attwali biex jiġi żgurat li din tkun aġġornata u adattata għall-inklużjoni fir-regolament. L-Anness II ġie aġġornat biex jirrifletti l-iskadenzi ta' trażmissjoni korrispondenti għall-REAA.

It-tieni nett, żdied artikolu biex ikopri r-rekwiżiti tar-rapportar dwar il-kwalità (Artikolu 4a). Mill-2019, l-Istati Membri tal-UE (bi ftit eċċezzjonijiet biss) ipprovdew b'mod volontarju rapporti dwar il-kwalità tal-EEA b'referenza għar-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) 223/2009. Madankollu, ma hemm l-ebda artikolu fir-Regolament (KE) Nru 138/2004 dwar ir-rapportar ta' kwalità. L-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) 223/2009 jipprevedi l-inklużjoni speċifika tar-rekwiżiti ta' rapportar dwar il-kwalità fil-leġiżlazzjoni settorjali, li tippermetti li l-modalitajiet, l-istruttura, il-perjodiċità u l-indikaturi ta' valutazzjoni tar-rapporti ta' kwalità jiġu definiti u tippermetti li jiġu stabbiliti l-iskadenzi għat-trażmissjoni. Bħalissa, l-arranġamenti eżatti ta' rapportar dwar il-kwalità għall-EEA huma biss informali u għalhekk jiġu formalizzati bl-inklużjoni tal-Artikolu 4a.

It-tielet bidla ewlenija għandha x'taqsam mal-illaxkar tal-iskadenzi tat-trażmissjoni għat-tieni stimi tal-EEA sabiex tiġi ffaċilitata l-kwalità mtejbja tad-*data*. Għall-EEA, l-Istati Membri jitttrażmettu, għal *data* nazzjonali, l-ewwel *data* stmata (skadenza Novembru tas-sena ta' referenza n), it-tieni *data* stmata (skadenza Jannar tas-sena n+1) u *data* finali (skadenza Settembru tas-sena n+1). It-tieni *data* tiġi wisq viċin wara l-ewwel *data* biex il-kwalità tkun tista' tittejjeb b'mod sostanzjali. Għalhekk, l-iskadenzi għat-trażmissjoni tat-tieni stimi jenħtieġ li jkunu llaxkati minn Jannar tas-sena n+1 għal Marzu tas-sena n+1 sabiex l-Istati Membri jkollhom aktar żmien biex jiksibu *data* ta' kwalità aħjar. Minħabba li l-puntwalità tal-ewwel stimi kruċjali u d-*data* finali jibqgħu l-istess, il-laxkar tal-iskadenzi tat-tieni stimi għal dan l-iskop huwa meqjus xieraq. L-Anness II ġie aġġornat biex jirrifletti l-bidla proposta fl-iskadenzi ta' trażmissjoni għat-tieni stimi tal-EEA.

Il-bqija tal-bidliet proposti fl-Artikoli huma maħsuba biex jindirizzaw dan li ġej:

- li tiġi ċċarata l-ewwel skadenza għat-trażmissjoni tad-*data* għall-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura (l-Artikolu 3(2));
- li jkunu permessi derogi possibbli mill-kontijiet ekonomiċi reġjonali għar-rekwiżiti agrikoli (l-Artikolu 4b);

- li ssir referenza għall-proċedura tal-Kumitat (l-Artikolu 4c) li ma tidhirx fil-leġiżlazzjoni attwali iżda li jenħtieġ li tiġi miżjud;
- Fl-Anness I, qed jiġu proposti għadd żgħir ta' bidliet addizzjonali (wara konsultazzjonijiet mal-gruppi ta' esperti).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ fih il-qafas ta' referenza ta' standards komuni, id-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet u r-regoli tal-kontabbiltà għat-tfassil tal-kontijiet tal-Istati Membri għar-rekwiżiti statistiċi tal-Unjoni ("ESA 2010").

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ jistabbilixxi l-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura (EEA) fl-Unjoni billi jipprevedi l-metodoloġija u l-limiti ta' żmien għat-trażmissjoni tal-kontijiet agrikoli. Il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura huma kontijiet satellita ta' kontijiet nazzjonali, kif definiti mill-ESA 2010, bil-għan li jinkisbu riżultati li huma armonizzati u komparabbli bejn l-Istati Membri sabiex jifasslu l-kontijiet għall-finijiet tal-Unjoni.

(3) Il-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura (REAA) huma adattament fil-livell reġjonali tal-EEA. Iċ-ċifri nazzjonali waħedhom ma jistgħux jiżvelaw l-istampa sħiħa u xi kultant kumplessa ta' dak li qed jiġri f'livell aktar dettaljat. Għalhekk, id-*data* fil-livell reġjonali tgħin biex jiżdied il-fehim tad-diversità li teżisti bejn ir-reġjuni, billi tikkomplimenta l-informazzjoni għall-Unjoni, iż-żona tal-euro u l-Istati Membri individwali. Għalhekk, l-REAA jeħtieġ li jiġu integrati fir-Regolament (KE) Nru 138/2004 kemm f'termini ta' metodoloġija kif ukoll ta' skadenzi ta' trażmissjoni xierqa.

(4) L-istatistika ma għadhiex meqjusa bħala waħda biss fost ħafna sorsi ta' informazzjoni għal skopijiet ta' tfassil ta' politika, iżda minflok għandha rwol ċentrali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. It-teħid tad-deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza jeħtieġ statistika li tissodisfa

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

¹⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1).

kriterji ta' kwalità għolja, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, skont l-għanijiet li jkunu qegħdin iservu.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprevedi qafas legali għall-istatistika Ewropea u jirrikjedi lill-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji tal-istatistika u l-kriterji ta' kwalità speċifikati fir-Regolament. Ir-rapporti dwar il-kwalità huma essenzjali għall-valutazzjoni, it-titjib u l-komunikazzjoni dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea. Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva l-istruttura unika integrata tal-*metadata* bħala l-istandard tal-ESS għar-rapportar dwar il-kwalità, u b'hekk għen biex jiġu ssodisfati, permezz ta' standards uniformi u metodi armonizzati, ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-istatistika stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009, b'mod partikolari dawk stipulati fl-Artikolu 12(3) tiegħu.

(6) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti għar-rapporti dwar il-kwalità u għall-kontenut tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ ukoll li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' derogi possibbli mill-kontijiet ekonomiċi reġjonali għar-rekwiżiti agrikoli. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(7) Il-EEA jipprovdu *data* makroekonomika annwali importanti lil dawk li jfasslu l-politika Ewropea tliet darbiet fis-sena; l-ewwel u t-tieni stimi huma segwiti mid-*data* finali. L-iskadenza attwali tat-trażmissjoni għat-tieni stimi tal-EEA ma tipprovdix ħafna żmien wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza biex tinġabar *data* mtejba meta mqabbla mad-*data* pprovduta għall-ewwel stimi tal-EEA. Sabiex titjieb il-kwalità ta' dawn it-tieni stimi, l-iskadenza tat-trażmissjoni trid tiġi posposta bi ftit.

(8) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 jenħtieġ li jiġi emendat bix-xieraq.

(9) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ġie kkonsultat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3(2), tiġi miżjuda s-sentenza li ġejja:

“2. L-ewwel trażmissjoni ta' *data* għall-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura għandha ssir sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2022.”

(2) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 4a

Valutazzjoni tal-kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tad-*data* u tal-*metadata* trażmessa.

¹⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għandhom japplikaw għad-*data* li għandha tiġi trażmessa skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-*data* trażmessa.

4. Fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' kwalità msemija fil-paragrafu 2 għad-*data* koperta minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-modalitajiet, l-istruttura, il-perjodiċità u l-indikaturi tal-valutazzjoni tar-rapporti dwar il-kwalità u tistabbilixxi l-iskadenza għall-ġoti tar-rapporti lill-Kummissjoni (Eurostat). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 4c(2).

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw kemm jista' jkun malajr lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kwalunkwe informazzjoni jew bidla fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità tad-*data* trażmessa.

6. Fuq talba debitament ġustifikata tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu kjarifika addizzjonali meħtieġa biex tiġi evalwata l-kwalità tal-informazzjoni statistika.

Artikolu 4b

Derogi

1. Fejn l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun teħtieġ adattamenti kbar f'sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kontenut tal-Anness I, il-punt VII. "Kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura" u tal-programm ta' trażmissjoni ta' *data* għall-kontijiet reġjonali għall-agrikoltura kif imsemmi fl-Anness II, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu derogi lil dak l-Istat Membru għal perjodu massimu ta' sentejn.

2. L-Istat Membru rilevanti għandu jippreżenta talba debitament motivata għal tali deroga lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mid-[daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 4c.

Artikolu 4c

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011."

(3) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(4) L-Anness II huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President